15 ta' Diċembru, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E. LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Nutar Dr. Rosario Frendo Randon *versus* Onor. Dr. Louis Galea ne.

**Nutar — Qorti Kolleġjali — Boll — Bejgħ.**

*F'kuntratt ta' bejgħ, it-trasferiment huwa ħaġa indipendenti u separata mill-ħlas tal-prezz għall-finijiet tat-taxxa tal-boll. U għalhekk, meta l-ħlas tal-prezz isir fuq l-istess att tal-bejgħ, barra mill-boll rikjest skond il-liġi fuq l-att tat-trasferiment, għandhom jitwaħħlu l-bolli "ad valorem" fuq il-prezz tal-bejgħ li jitħallas fuq dak l-att.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors tan-Nutar Frendo Randon fejn ippremetta illi b'digriet tal-Qorti Kolleġjali ta' l-Attijiet Notarili ta' Malta, tat-23 ta' Mejju 1947, huwa ġie kundannat għal £2 multa talli f'att ta' vendita nru. 15 tas-sena 1944 naqas li jwaħħal il-bolli tal-valur ta' £1. 2. 1 għar-riċevuta għall-prezz ta' £267, u ġie lilu ordnat iwaħħal dawk il-bolli, u talab li dik il-parti tad-digriet tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi skond l-art. 11 tal-Liġi Notarili, meta att ikun fih jew ikun jirriferixxi għal ħwejjeġ separati u distinti, kull ħaġa minn dawk għandha tiġi separatament u distintament imbullata daqs li kieku kienet tagħmel att għalih waħdu, u peress illi l-att tal-bejgħ mhux distint mill-ħlas tal-prezz għal dak il-bejgħ, allura l-ħlas tal-prezz ma għandux jiġi separatament bullat. Għandu jiġi kunsidrat illi l-art. 57 ta' l-istess liġi jimponi li t-taxxa hemm speċifikata "ad valorem" hija meħtieġa "on every instrument and on every judgment, decree or order of any Court, or other lawful authority, whereby any immovable thing, or any ship or interest in a ship, is transferred to or vested in another person by sale............"; u allura minn dan jidher illi t-taxxa hija imposta għat-trasferiment u kalkulata fuq l-ammont jew il-valur ta' dak li jingħata bi ħlas tal-ħaġa trasferita jew assenjata, inkella l-valur tal-ħaġa. Il-prezz għandu

neċessarjament jiġi kalkulat fil-bejgħ, għaliex huwa wieħed mill-elementi ta' dak il-kuntratt u mingħajru l-bejgħ ma jistax jeżisti. Iżda kif tajjeb issottometta l-appellat, il-ħlas effettiv tal-bejgħ mhix ħaġa assolutament neċessarja għal dak il-kuntratt, għalkemm jista' jsir, u ħafna drabi jsir, kontestwali mat-trasferiment. Peress li hemm dak id-dubju illi l-ħlas jista' jkun ħaġa separata mill-kuntratt effettiv tal-bejgħ, kien hemm id-dispożizzjoni ta' l-art. 89 ta' li Stamp Duty Ordinance, li kien igħid li "receipt endorsed or otherwise written upon, or contained in, any instrument liable to stamp duty and duly stamped, acknowledging the receipt of the consideration money therein expressed, or the receipt of any principal money, interest or annuity, provided the instrument is not one of discharge"; u allura f'dan il-każ hemm prevedut li l-irċevuta tal-ħlas tal-flus ma tkunx bollabili, preċiżament biex ikun eliminat dak id-dubju li kien jinqala' mill-liġi illi l-ħlas, u għalhekk l-irċevuta, tista' tkun ħaġa separata mill-kuntratt tal-bejgħ. Iżda dak l-artikolu ġie revokat mill-art. 87, kif emendat per mezz ta' l-art. 3 ta' l-Ordinanza XXXII tal-1939, u allura jidher il-ħsieb tal-leġislatur illi dawk iż-żewġ atti jkunu kunsidrati separati wieħed mill-ieħor;

Għalhekk allura l-irċevuta tal-ħlas effettwat fil-kuntratt tal-bejgħ għandu jiġi bollat separatament mill-kuntratt tat-trasferiment;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tar-rikorrent, u għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kolleġjali ta' l-Attijiet Notarili ta' Malta tat-23 ta' Mejju 1947; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.